Kitba ta'
Joseph R. Gatt

# Il-Pittura fil-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' Bormla

## (L-Ewwel Parti)

Il-pittura tal-knisja parrokkjali ta' Bormla nafuha lil tliet artisti, lil Ġużeppi Calì (1846-1930), lil Virgilio Monti (1852-1940) u lil Pawlu Camilleri Cauchi (1940- ). Il-bidu tagħha nafuh lill-pittur Ġużeppi Calì, li aktar minn 120 sena ilu ġie mqabbad mill-Kapitlu ta' Bormla biex ipitter il-koppla prinċipali u l-pendenti tagħha, il-kor, iż-żewġ kappelluni l-kbar (dawk ta' San Ġużepp u ta' Santa Katarina) u l-korsija (il-Volta).

## Giuseppe Calì

Għal Calì kienet sfida kbira għax din il-pittura kienet l-akbar biċċa xogħol li kien ġie mqabbad biex jagħmel għalkemm kien diġà pitter xi kwadri u apsidi għal xi knejjes. Qatt qabel ma kien għadu pitter koppla u saqaf sħiħ ta' knisja. Il-knisja ta' Bormla kellha tkun l-ewwel waħda, wara dik tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann, li kien se jkollha saqaf impitter u wisq aktar mill-istess pittur. F'din il-pittura Calì ried juri bla dubju ta' xejn il-ħila tiegħu kollha. Ried jissupera lir-rivali tiegħu, kemm Maltin u barranin, fosthom lil Carlo Ignazio Cortis (1826c-1900), alliev ta' Ġ. Hyzler, lil Lazzaro Pisani (1854-1932), lil Attilio Palombi (1860c-1913), lil Pietro Gagliardi (1809-1890) u oħrajn biex jiġi aċċettat darba għal dejjem mill-kummissjonanti Maltin bħala pittur ta' klassi u ta' livell għoli għall-knejjes tagħna. Calì laqa' l-isfida u ħareġ ta' raġel; wera li kien artist kbir; ta' ħila u ħlewwa kemm fid-disinn, il-kompożizzjoni u l-kulur. B'din il-pittura huwa fetaħ triqat ġodda għalih għax wara ġie mfaħħar u aċċettat u beda jiġi mqabbad jaħdem



*Giuseppe Calì*
*1846-1930*

xogħlijiet oħra kbar kif naraw fil-knisja parrokkjali tas-Salvatur f'Ħal Lija (1893); f'dik ta' San Duminku fil-Belt (1898); f'dik tal-Lunzjata ta' Ħal Balzan; f'San Lawrenz tal-Birgu; f'San Frangisk il-Belt (1907); f'Santa Marija l-Mosta u f'oħrajn.

## Il-Pittura ta' Calì

Din il-pittura ħadimha biż-żejt; uħud minnha direttament fuq il-ġebla u oħra fuq it-tila u wara mqiegħda fil-post. Ix-xogħol kollu sar bejn l-1884 u l-1885. Kien jiġbor fih 54 biċċa, illum baqa' biss it-tliet kwadri tal-kursija, l-appostli tat-twieqi u l-erba' profeti tal-lunetti ta' taħt il-koppla u oħra (il-Papa Piju IX, Giovanni Duns Scotus u Santu Wistin) li kienet tqiegħdet fl-awla kapitulari wara li saret il-pittura ta' V. Monti fl-1931. B'kollox 20 biċċa; l-oħrajn inbidlu u maż-żmien intilfu. Flokhom saru dawk ta' Virgilio Monti li għadna ngawduhom.

## It-Tema tal-Pittura

It-tema tal-pittura hija l-Waqgħa ta' Adam u Eva fid-dnub u l-Wegħda li Alla għamel għall-fidwa tal-bniedem permezz ta' Ġesù Kristu mwieled minn ***Mara*** mnissla mingħajr il-ħtija oriġinali (Marija Verġni). Calì esprima tajjeb ħafna t-tema tiegħu f'sitt kwadri prinċipali. Dawn kienu juru(1) l-Waqgħa ta' Adam u Eva fid-dnub u t-tkeċċija tagħhom mill-Ġnien ta' Eden; (2) il-Wegħda tal-Miġja tal-Messija mwieled minn Marija mnissla mingħajr dnub; (3) ir-Rebħa ta' Marija fuq Satana u t-telfien tiegħu; (4) l-Ereżija; (5) il-Glorja ta' l-Anġli u (6) it-Trijonf tad-Dutturi tal-Knisja.

Fis-saqaf ta' kull tieqa pitter xbiha ta' appostlu u hekk naraw lil San Pietru u 'l San Pawl f'dak tal-kor; 'il San Ġwann u 'l San Andrija fil-kappellun ta' San Ġużepp. Lil San Ġakbu, 'il San Filippu, 'il San Bartilmew, 'il San Mattew, 'il San Tumas, 'il San Xmun, 'il San Ġuda Taddew u 'l San Mattija nsibuhom fit-twieqi l-oħra.

Biex jgħaqqad dan il-kompless kollu tal-proġett, Calì daħħal ukoll diversi puttini sbieħ b'emblemi tal-Litanija tal-Madonna.

## Il-Koppla u l-Lunetti

Il-pittur Calì qasam l-iskutella tal-koppla fi tmien biċċiet u fihom pitter seba' anġli li jissimbolizzaw is-Seba' Doni ta' l-Ispirtu s-Santu: l-Għerf, il-Fehma, il-Kunsill, il-Qawwa, ix-Xjenza, il-Pietà u l-Biża' ta' Alla. Fit-tmien felli għamel l-Adorazzjoni ta' l-Anġli.

Il-pittura fil-pendenti (pennakki) ta' taħt il-koppla turina erba' figuri maestużi ta' ġmiel kbir. Dawn jiffiguraw (1) lil Mosè bis-serp taħt riġlejh, (2) lis-Sultan David idoqq l-Arpa u jgħanni Salmi ta' tifħir. F'din il-pittura naraw il-firma tal-pittur u s-sena meta tlestiet – **G. Calì 1884**, (3) lill-profeta Eżekjel narawh mistgħaġeb bit-tħabbira tat-twelid tal-Messija



*Isaija f'waħda mil-lunetti.*

u (4) il-profeta l-ieħor, Isaija b'nofs ilbies, jipprofetizza t-twelid tal-Messija. Biex nifhmu aħjar il-pittura f'kull waħda minnhom naraw in-numru tal-Kapitlu u tal-Vrus mill-Kotba Mqaddsa. Id-dekorazzjoni tal-knisja saret fuq id-disinni tal-Prof. Nikola Zammit (1815-1899).

## Il-Pittur Virgilio Monti


*Virgilio Monti*
*1852-1940*

Ir-rabta tal-pittur Virgilio Monti ma' Malta bdiet ftit wara l-bidu tas-seklu l-ieħor, meta kien ġie kommissjonat biex ipitter il-Kolleġġjata ta' Sant'Elena, f'Birkirkara, Din il-pittura ntgħoġbot ħafna u kellha tifħir kbir. Xogħlijiet kbar oħra tiegħu huma s-soqfa tal-knisja tal-Patrijiet ta' Ġieżu fil-Belt; tal-Kolleġġjata tax-Xagħra, Għawdex u ta' Bormla. Minn fost il-kwadri li pitter insemmgħu biss it-titular ta' Santa Marija f'Ħad-Dingli u l-kwadru ta' San Pawl fil-parroċċa tan-Naxxar.

Il-pittur Monti tħarreġ fil-pittura taħt il-Profs. Pasqualini u ta' 20 sena diġà kien jgħin lil Mantovani fir-restawr ta' pitturi fil-Loġġa tal-Vatikan. Huwa malajr kiseb isem ta' artist kbir u kien imfittex għax-xogħlijiet sbieħ tiegħu minn bosta bliet Taljani. F'Ruma pitter fil-knejjes ta' San Ġwakkin, f'ta' Santa Briġida, f'ta' San Carlo a Catinari, fl-Istitut *Figlie di Maria Ausiliatrice* u f'oħrajn. Ħalla xogħlijiet oħra f'San Leo u f'San Ġwann f'Carpinato u f'dik ta' Santa Marija Madalena f'Bologna, fil-knisja ta' San Ġorġ ta' Milan u f'ta' San Stiefnu f'Ferrara. Għandu xogħlijiet f'Londra, fi Spanja u fl-Irlanda. Dan biex insemmi biss fejn jinsabu xi uħud minnhom.

## Monti f'Bormla

Għall-knisja tagħna Monti pitter ħamsa u tletin (35) biċċa xogħol. Dawn narawhom fil-koppla – tmien (8) biċċiet; fis-saqaf tal-Kor u f'taż-żewġ kappelluni l-kbar – tliet biċċiet (3) u erbgħa u għoxrin (24) oħra nsibuhom fil-ġnub tat-twieqi. Kif diġà għidna, din il-pittura kollha ħadet post dik ta' Calì meta l-koppla u partijiet oħra tal-knisja kienu ġew dekorati mill-ġdid fuq id-disinnu taħt id-direzzjoni ta' Abram Gatt (1863-1944); xogħol li sar fl-1929-30. Kien hemm il-ħsieb li jsiru oħrajn.

Fis-saqaf tal-kor, Monti ħallielna t-tifkira tal-Proklamazzjoni mill-Papa Piju IX tad-Domma tat-Tnissil bla tebgħa ta' Marija. Fil-kappellun ta' San Ġużepp għandna l-att erojku ta' meta Ġuditta rnexxielha taqta' ras Oloferni biex b'hekk ħelset il-poplu ta' Betulja mill-qilla tas-Sultan. Fil-kappellun ta' Santa Katarina naraw episodju erojku ieħor – din id-darba r-Reġina Ester tidher quddiem is-Sultan Assweru u titolbu biex ma ssirx qerda mill-poplu Lhudi. Is-Sultan laqa' t-talba tagħha u hekk Ester bħal Ġuditta toħroġ rebbieħa u teħles il-poplu tagħha.



*Wieħed mil-lunetti tal-koppla ta' V. Monti.*

## Il-Koppla

Il-koppla hi maqsuma fi tmien partijiet u l-pittura tissimbolizza s-Seba' Doni ta' l-Ispirtu s-Santu. Kull waħda għandha kitba taħtha bil-Latin biex tfisser aħjar il-kwadru. Dawn huma l-Għerf (*Sapientia*), il-Fehma (*Intellectus*), il-Kunsill (*Consilium*), il-Qawwa (*Fortituder*), ix-Xjenza (*Scientia*), il-Pietà (*Pietas*) u l-Biża' ta' Alla (*Timor Domini*). Ma' dawn Virgilio żied kwadru ieħor – dak li jissimbolizza l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli u l-Madonna. Dan iġib taħtu kitba bil-Latin taqra *Dator Munerum*.

## Il-Pittura tal-Ġnub u Taħt it-Twieqi

Fuq kull ġenb tat-twieqi Monti pitter figura Biblika mit-Testment il-Qadim: Profeti u Persunaġġi Bibliċi oħra. Kollha b'isimhom taħthom. F'tal-kor insibu lil Anna u lil Eliżabetta, 'il Ġwakkin u 'l Żakkarija; fil-kappellun ta' Santa Katarina għandna erba' nisa, lil Rebekka u 'l Susanna, il Sara u 'l Ruth. Fil-kappellun l-ieħor naraw lill-Profeta Danjiel u 'l Gedeon, 'il Ġakobb u lil Iżakk. Għall-korsija pitter lil Rakele u 'l Deborah, 'il Jahel u 'l Abigail, 'il Resfa u lil Levitiku, lil Malakija u lil Aġġew, 'il Sofonija u 'l Mikea, lil Hosea u 'l Ġeremija. Taħt kull tieqa saret dekorazzjoni b'simboli u bi kliem Latin b'tifħir lil Marija Immakulata.

Minħabba nuqqas ta' spazju nkomplu darb'oħra dwar il-pittura ta' Camilleri Cauchi u oħrajn.

**Bibljografija:**


Bonnici Calì Rafel – *Calì G. Centenary Exhibition 1840-1946.*
*Corriere Mercantile Maltese* – 29.11.1884.
Fiorentino E. & Grasso L. – *G. Calì 1846-1930.*
*Il Diritto di Malta* – 01.01.1885.
*Leħen is-Sewwa* – 05.12.1931.
*L-Immakulata 1929.*
*Malta* – 29.11.1884; 13.12.1884.
*Malta* – 26.11.1929; 28.12.1930.
Rapa Refalo J. – *The Xagħra Monumental Church* – 1969.